MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru 48/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**RICHARD GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Richard Grech, bin Joseph u Josephine nee' Farrugia, imwieled Hal-Qormi, nhar it-8 ta' Marzu, 1967, u joqghod fil-fond Carmel, Flat 1, Triq Qormi, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0122767 (M);

Akkuza talli nhar id-29 ta' Dicembru, 2006, ghall-habta tas-2.00pm, waqt li kien fil-fond Flat j9, Block D3, Triq il-Kultellazz, Mosta, ikkommetta serq ta' DVD player, tal-marak Pioneer, kif ukoll mobile phone, li l-valur taghhom

jeccedi l-Lm10.00 (ghaxar liri maltin), izda inqas minn Lm100.00 (mitt lira maltin), liema serq hu aggravat bil-mezz u lok, u dan ghad-dannu ta’ Josianne Fenech mill-Mosta.

Wara li rat l-Artikoll 261, 263, 264, 266, 267, 269, u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq nuqqas ta’ provi, din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi mputat Richard Grech hati u ghaldaqstant tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------